IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.7.2024
COM(2024) 297 final

2024/0165 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Sħubija fir-rigward tal-modifiki tal-Anness 3 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Sħubija stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (it-"TCA")[1] fir-rigward tal-modifiki tal-Anness 3 tiegħu.

Id-deċiżjoni se taġġorna l-lista tax-xogħol jew tal-ipproċessar li jeħtieġ li jsiru fuq materjali mhux oriġinarji sabiex il-prodott manifatturat jkun jista' jikseb l-istatus oriġinarju ("regoli speċifiċi għall-prodott") fis-Sistema Armonizzata tal-2022.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit

Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (it-"TCA") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689 tad-29 ta' April 2021 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2021.

2.2. Il-Kunsill ta' Sħubija

Skont l-Artikoli 7 u 68 tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Sħubija jista' jemenda l-Kapitolu 2 "Regoli tal-oriġini" tat-Titolu I "Kummerċ tal-Merkanzija" tal-Parti 2 "Kummerċ, trasport, sajd u arranġamenti oħra", u l-annessi tiegħu bħall-Anness 3 fil-ħidma għall-kisba tal-objettivi tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 8 (3c) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, il-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ dwar il-Kooperazzjoni Doganali u r-Regoli tal-Oriġini UE-UK, li kkonkluda ħidma preparatorja f'din il-kwistjoni fit-tielet laqgħa tiegħu fis-27 ta' Settembru 2023, jissottometti proposti għal modifiki tal-Anness 3 tal-Kunsill ta' Sħubija.

Fil-21 ta' Diċembru 2023, il-Kunsill ta' Sħubija adotta d-Deċiżjoni 1/2023 tiegħu li skontha l-Anness 3 tat-TCA bejn l-UE u r-Renju Unit ma għandux jiġi emendat fir-rigward tal-kategoriji tal-prodotti (jiġifieri, dawk elenkati fl-Anness 5 tat-TCA) sal-1 ta' Jannar 2032. Madankollu, l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1/2023 imsemmija jipprevedi eċċezzjoni waħda għal dan: meta l-emenda tkun dovuta għal aġġornament tas-Sistema Armonizzata. Barra minn hekk, f'dan il-każ ma hija prevista l-ebda emenda fir-rigward tal-prodotti elenkati fl-Anness 5 tat-TCA.

Il-Kunsill ta' Sħubija għandu jadotta att wieħed:

Fl-1 ta' Jannar 2022, saru emendi fin-Nomenklatura rregolata mill-Konvenzjoni tas-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikazzjoni tal-Merkanzija ("SA")[2].

Il-Partijiet għall-Ftehim qablu li sabiex jiġu riflessi l-aġġustamenti tas-SA 2022, huwa meħtieġ li tiġi aġġornata d-deskrizzjoni tal-kapitoli, tal-intestaturi jew tas-subintestaturi tas-

[1] Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10)

[2] L-Organizzazzjoni Dinjija Doganali "International Convention on the Harmonized Commodity Description and Coding System", 1983.

SA u r-regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott li jinsabu fl-Anness 3 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

L-għan tal-att previst huwa li jemenda l-Anness 3 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni biex jaġġornah għall-verżjoni tal-2022 tas-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikazzjoni tal-Merkanzija (SA) fir-rigward tad-deskrizzjoni tal-intestaturi tas-SA u r-regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott.

Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness 3 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jiġi emendat. Dawk l-emendi ma jwasslux għal bidliet sostantivi fir-regoli tal-oriġini nnegozjati.

L-att previst se jsir vinkolanti f'konformità mal-Artikoli 7 (4c) u 68 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, li jipprevedu li l-Kunsill ta' Sħubija jista' jimmodifika l-Annessi bħall-Anness 3.

3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Din l-azzjoni proposta tkopri r-regoli speċifiċi għall-prodott koperti fl-Anness 3. Issa huma skaduti minħabba d-dħul fis-seħħ tas-SA 2022 fl-1 ta' Jannar 2022. Għaldaqstant, fit-tielet laqgħa tiegħu tas-27 ta' Settembru 2023, it-tielet Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ dwar il-Kooperazzjoni Doganali u r-Regoli tal-Oriġini UE-UK qabel dwar l-aġġornament tal-Anness 3 biex jirrifletti s-SA 2022.

Aġġornament tal-Anness 3

Il-lista tax-xogħol jew tal-ipproċessar li jeħtieġ li jsiru fuq materjali mhux oriġinarji sabiex il-prodott manifatturat jkun jista' jikseb l-istatus oriġinarju hija stabbilita fl-Anness 3. L-aġġornament tal-Anness 3 ikopri l-bidliet miġjuba mis-SA 2022 fil-kliem ta' ċerti kapitoli, intestaturi jew subintestaturi tas-SA, kif ukoll l-adattament ta' ċerti regoli speċifiċi għall-prodott.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Sħubija tikkonċerna l-emendi tal-Anness 3 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

L-aġġornament tar-regoli tal-oriġini "speċifiċi għall-prodott", f'konformità mal-aġġornamenti fis-Sistema Armonizzata li jsiru kull 5 snin, huwa l-aħjar prattika tal-Unjoni Ewropea.

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu ''*il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f' isem l-Unjoni f' sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim*.''

Il-kunċett ta' ''*atti li jkollhom effetti legali*'' tinkludi atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni. Jinkludi wkoll strumenti li ma jkollhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li huma ''*kapaċi jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-UE*''[3].

[3] Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-Kunsill ta' Sħubija huwa korp stabbilit minn ftehim, jiġifieri l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra.

L-att, f'dan il-każ Deċiżjoni, li l-Kunsill ta' Sħubija huwa mitlub jadotta, f'konformità mal-Artikoli 7 u 68 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, jikkostitwixxi att li għandu effetti legali.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi legali sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament fuq l-objettiv u l-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni fir-rigward tiegħu f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi legali sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-proposta tirrigwarda l-implimentazzjoni ta' ftehim kummerċjali preferenzjali konkluż bħala parti mill-politika kummerċjali komuni, li huwa qasam li fih l-Unjoni għandha kompetenza esklużiva.

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst huma relatati mal-politika kummerċjali komuni tal-Unjoni.

Għaldaqstant, il-bażi legali sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi legali tad-deċiżjoni proposta tkun l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Peress li l-att tal-Kunsill ta' Sħubija se jemenda l-Anness 3 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, li jipprevedi r-Regoli tal-Oriġini Speċifiċi għall-Prodott, li huma importanti għal bosta partijiet ikkonċernati esterni, huwa xieraq li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tiegħu.

2024/0165 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Sħubija fir-rigward tal-modifiki tal-Anness 3 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (it-"TCA") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689 tad-29 ta' April 2021 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2021.

(2) Il-Kapitolu 2 tat-Titolu 1 tal-Parti 2 tal-Ftehim u l-Annessi 2 sa 9 tal-Ftehim jistabbilixxu dispożizzjonijiet dwar id-definizzjoni tal-prodotti oriġinarji u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva.

(3) Skont l-Artikoli 7 (4)(c) u 68 tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Sħubija stabbilit skont it-TCA jista' jemenda l-Kapitolu 2 "Regoli tal-oriġini" tat-Titolu I "Kummerċ tal-Merkanzija" tal-Parti 2 "Kummerċ, trasport, sajd u arranġamenti oħra", u l-annessi tiegħu bħall-Anness 3, li jistabbilixxi r-Regoli tal-Oriġini Speċifiċi għall-Prodott, jiġifieri x-xogħol jew l-ipproċessar rispettiv li jeħtieġ li jsiru fuq materjali mhux oriġinarji sabiex il-prodott manifatturat jkun jista' jikseb l-istatus oriġinarju u li bħalissa huwa bbażat fuq il-verżjoni tas-Sistema Armonizzata ("SA") tal-2017.

(4) Il-Kunsill ta' Sħubija għandu jadotta Deċiżjoni li timmodifika l-Anness 3 biex jiġu allinjati l-kliem ta' ċerti kapitoli, intestaturi jew subintestaturi u biex jiġu adattati r-regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott mal-verżjoni tas-SA tal-2022. Għal raġunijiet ta' ċarezza jenħtieġ li l-Anness jiġi sostitwit fl-intier tiegħu, filwaqt li jitqies l-għadd ta' emendi li jeħtieġ li jsiru fl-Anness.

(5) Fid-Deċiżjoni 1/2023 tiegħu, il-Kunsill ta' Sħubija ppreveda li l-Anness 3 tat-TCA jenħtieġ li ma jiġix emendat għall-prodotti elenkati fl-Anness 5 tat-TCA, ħlief meta l-emenda tkun dovuta għal aġġornamenti tas-Sistema Armonizzata. F'dan il-każ ukoll ma hija prevista l-ebda emenda fir-rigward tal-prodotti elenkati fl-Anness 5 tat-TCA. Għalhekk, id-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Sħubija annessa ma' din id-Deċiżjoni hija fi kwalunkwe każ konformi mad-Deċiżjoni 1/2023 tal-Kunsill ta' Sħubija.

(6) L-adozzjoni tad-Deċiżjoni mill-Kunsill ta' Sħubija hija mistennija li sseħħ fit-tielet kwart tal-2024.

(7) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Sħubija, peress li d-Deċiżjoni se jkollha effetti legali fuq l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Sħubija għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill ta' Sħubija mehmuż bħala l-Annessi 1 ta' din id-Deċiżjoni,

Artikolu 2

Ladarba tiġi adottata, id-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Sħubija msemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President